MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Numru. 23/2004

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

- vs -

CHRISTIAN MICALLEF
KENNETH AGIUS
WILLIAM CALLEJA

Il-Qorti;

Rat li l-imputati CHRISTIAN MICALLEF ta’ 20 sena bin Angelo u Emanuela nee` Portelli imwieled Rabat, Ghawdex fis-16 ta’ Gunju 1983 u li joqghod “Ix-Xaghri”, Triq ta’ l-Ghajn, Fontana, Ghawdex (Detentur tal-Karta ta’ l-Identita` Numru 18683 G)
u

KENNETH AGIUS ta’ 20 sena bin George u Maria Dolores nee` Bajada imwieled Rabat, Ghawdex fit-18 t’ Ottubru 1983 u li joqghod “Elena”, Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex (Detentur tal-Karta ta’ l-Identita` Numru 35183 G)
u
WILLIAM CALLEJA ta’ 20 sena bin Gregory u Gregoria nee` Spiteri imwieled Rabat, Ghawdex fil-15 t’ Ottubru 1983 u li joqghod “Sliem”, Triq Xuxa, Kercem, Ghawdex (Detentur tal-Karta ta’ l-Identita` Numru 34883 G)
gew imressqa quddiemha akkuzati talli fid-9 ta’ Gunju 2002 f’Ghawdex ghall-habta tas-1:45 a.m. kellhom fil-pussess taghhom medicina specifikata jew ristretta u cioe` amphetamine (Speed) meta ma kienux awtorizzati kif imiss u bi ksur tar-Regolament 5 (1) ta’ l-Avviz Legali 22 ta’ l-1985 kif sussegwentement emendat u bi ksur ta’ l-Artikolu 16 ta’ l-Att V ta’ l-1985 kif emendat u ta’ l-artikoli 40 (A) u 120 (A) tat-tielet skeda ta’ l-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez tal-perizja u dan ai termini ta’ l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat erbatax (14) t’ April, 2004, liema kunsens jinsab esebit f’dawn l-atti u mmarkati bhala Dokument ‘CSH1', ‘CSH2' u ‘CSH3' sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezamijiet li sarulhom ai termini tal-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputati kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar il-21 ta’ Lulju , 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi;

Il-Qorti wisset lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom ftit taz-zmien biex jekk riedu setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-21 ta' Lulju, 2004;

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti ta' l-imputati, l-Qorti hija sodisfatta li l-imputati ghandhom jinstabu hatja ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom;

Dwar il-piena l-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti, u cioe` qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati fl-ewwel opportunita` moghtija lilhom waqt il-prezentata, semghet lill-Prosekuzzjoni tghid illi l-imputati ikkollaboraw bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha u rat ukoll l-Fedini Penali esebiti f'dawn l-atti bhala Dokument 'CSH4', 'CSH5' u 'CSH6' mill-liema Fedini Penali jirrizulta illi l-imputati ghandhom jigu trattati bhal li kieku huma first time offenders u dan peress illi l-Fedina Penali taghhom hija wahda netta;

Ghaldaqstant minhabba dawn ic-cirkostanzi bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti wara li tiddikjara li qed issib lill-imputati hatja ta' l-akkuza kif adebitata fil-konfront taghhom tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux rejat iehor ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum ai termini ta' l-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Oltre dan dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez tal-periti rat illi f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda perit nominat waqt il-kumpilazzjoni u ghaldaqstant tichad tali talba.

Il-Qorti qieghda tinnomina lill-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jirtira minn dawn l-atti Dokument 'CSH13' u jaghmel distruzzjoni tieghu.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputati u x'jigri f'kaz li huma jonqsu li josservawha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------